

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/54****tal-4 ta' Jannar 2023****li jikkoreġi r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/652 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni tal-estratt tal-larinġ tal-bakkaljaw bħala addittiv tal-għalf għal ċerti speċijiet tal-annimali****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

- (1) L-użu tal-estratt tal-larinġ tal-bakkaljaw bħala addittiv fl-għalf għie awtorizzat għal ċerti speċijiet ta' annimali bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/652 <sup>(2)</sup>.
- (2) L-estratt tal-larinġ tal-bakkaljaw huwa magħruf li fih bejn 10 u 20 % neoesperidina, kif spjegat fil-kolonna "Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku" fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/652.
- (3) Preżunzjoni skorretta ta' relazzjoni bejn in-neoesperidina, identifikata bin-numru CAS 13241-33-3, u n-neoesperidina diidrokalkon, identifikata bin-numru CAS 20702-77-6, li għandha isem simili, iżda hija sustanza distinta, irriżultat fil-punt 3 tal-kolonna "Dispożizzjonijiet oħra" fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/652 li bi żball jipprevedi l-esklużjoni tal-użu tal-estratt tal-larinġ tal-bakkaljaw flimkien man-neoesperidina diidrokalkon.
- (4) L-opinjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel tat-23 ta' Ġunju 2021 dwar is-sikurezza tal-estratt tal-larinġ tal-bakkaljaw <sup>(3)</sup> ma ssemmi l-ebda riskju fir-rigward tal-użu tal-estratt tal-larinġ tal-bakkaljaw flimkien man-neoesperidina diidrokalkon.
- (5) Għalhekk jeħtieġ li jiġi kkoreġut l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/652 billi jitħassar il-punt 3 tal-kolonna "Dispożizzjonijiet oħra" f'dak l-Anness. Għal raġunijiet ta' ċarezza, jixraq li jiġi ssostitwit l-Anness kollu ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.
- (6) Biex jiġi evitat it-tfixkil fl-introduzzjoni tal-addittiv tal-għalf fis-suq minħabba l-iżball fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/652, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ b'urġenza.
- (7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

<sup>(1)</sup> ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.<sup>(2)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/652 tal-20 ta' April 2022 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni tal-estratt tal-larinġ tal-bakkaljaw bħala addittiv tal-għalf għal ċerti speċijiet tal-annimali (ĠU L 119, 21.4.2022, p. 74).<sup>(3)</sup> EFSA Journal 2021;19(7):6709.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/652 huwa sostitwit bl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Jannar 2023.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Ursula VON DER LEYEN

\_\_\_\_\_

| Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv | Isem id-de-tentur tal-awtorizzazzjoni | Addittiv | Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku. | Speċi jew kategorija tal-animali | Età massima | Kontenut minimu  | Kontenut massimu | Dispożizzjonijiet oħra | Tmiem il-perjodu tal-awtorizzazzjoni |
|---|---------------------------------------|----------|--|----------------------------------|-------------|--|------------------|------------------------|--------------------------------------|
|   |                                       |          |  |                                  |             | mg ta' sustanza attiva/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 % |                  |                        |                                      |

**Kategorija: Addittivi sensorjali. Grupp funzjonali: Komposti aromatizzanti**

|          |   |                                  |  |   |   |   |   |                       |
|----------|---|----------------------------------|--|---|---|---|---|-----------------------|
| 2b136-ex | - | Estratt tal-larinġ tal-bakkaljaw | <p><i>Kompożizzjoni tal-addittiv</i></p> <p>Estratt tal-larinġ tal-bakkaljaw mill-frott taç-Citrus x aurantium L.</p> <p>Għamla solida</p> <p><i>Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva</i></p> <p>Estratt tal-larinġ tal-bakkaljaw mill-frott taç-Citrus x aurantium L. kif definit mill-Kunsill tal-Ewropa <sup>(1)</sup>.</p> <p>Flavonojdi: 45-55 %, li minnhom<br/>— Narinġina: 20-30 %<br/>— Neoesperidina: 10-20 %</p> <p>5-metossipsoralen (magħruf ukoll bħala bergapten): ≤ 0,03 %<br/>(-)-Sinefrina: ≤ 1 %</p> <p>Numru KtE: 136<br/><i>Metodu analitiku</i> <sup>(2)</sup></p> <p>Għall-kwantifikazzjoni tan-narinġina (markatur fitokimiku) fl-addittiv tal-għalf:<br/>— Kromatografija likwida bi pres-tazzjoni għolja (HPLC) b'detezzjoni spettrofotometrika (UV)</p> | <p>Tiġieġ tas-simna</p> <p>Tiġieġ tal-bajd</p> <p>Dundjani tas-simna</p> <p>Qżieqeż</p> <p>Ħnieżer tas-simna</p> <p>Ħnieżer nisa</p> <p>Baqar tal-ħalib</p> <p>Għoġġiela</p> <p>Bhejjem tal-ifrat tas-simna</p> <p>Nagħaġ/mogħoż</p> <p>Żwiemel</p> <p>Fniek</p> <p>Salmonidi</p> <p>Ħut ornamentali</p> <p>Klieb</p> <p>Qtates</p> | - | - | <p>1. L-addittiv għandu jiġi inkorporat fl-għalf fl-għamla ta' taħlita lesta minn qabel.</p> <p>2. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesta minn qabel, għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin u l-istabbiltà għat-trattament bis-sħana.</p> <p>3. Fuq it-tikketta tal-addittiv għandu jiġi indikat dan li ġej:<br/>"Kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva f'kull kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %:<br/>— Tiġieġ tas-simna: 102 mg.<br/>— Tiġieġ tal-bajd: 151 mg.<br/>— Dundjani tas-simna: 136 mg.<br/>— Qżieqeż: 182 mg.<br/>— Ħnieżer tas-simna: 217 mg.<br/>— Ħnieżer nisa: 268 mg.<br/>— Baqar tal-ħalib: 259 mg.<br/>— Għoġġiela (sostitut tal-ħalib), bhejjem tal-ifrat tas-simna, nagħaġ/mogħoż, żwiemel, salmonidi, klieb u ħut ornamentali: 400 mg.<br/>— Qtates: 80 mg.<br/>— Fniek: 161 mg."</p> | Il-11 ta' Mejju 2032" |
|----------|---|----------------------------------|--|---|---|---|---|-----------------------|

|  |  |  |  |  |  |  |  |   |
|--|--|--|--|--|--|--|--|---|
|  |  |  |  |  |  |  |  | <p>4. Fuq it-tikketta tat-taħlita lesta minn qabel għandu jkun hemm indikati l-grupp funzjonali, in-numru ta' identifikazzjoni, l-isem u l-ammont tas-sustanza attiva miżjuda meta l-livell tal-użu fuq it-tikketta tat-taħlita lesta minn qabel tkun tirriżulta li jinqabeż il-livell imsemmi fil-punt 3.</p> <p>5. It-taħlita tal-estratt tal-larinġ tal-bakkaljaw mill-frott taċ-<i>Citrus x aurantium</i> L. ma' addittivi awtorizzati oħra miksuba miċ-<i>Citrus aurantium</i> L. ma għandhiex tkun permessa fl-għalf.</p> <p>6. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozju tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operattivi u miżuri organizzattivi biex jindirizzaw ir-riskji potenzjali mill-inalazzjoni, mill-kuntatt mal-ġilda jew mill-kuntatt mal-għajnejn. Meta dawk ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati jew jitnaqqsu għall-minimu b'tali proċeduri u miżuri, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'taġħmir protettiv personali, inkluż il-protezzjoni tal-ġilda, tal-għajnejn u tan-nifs.</p> |
|--|--|--|--|--|--|--|--|---|

(<sup>1</sup>) Natural sources of flavourings – Ir-Rapport Nru 2 (2007).

(<sup>2</sup>) Id-dettalji tal-metodi analitiċi huma disponibbli fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: <https://ec.europa.eu/jrc/en/eurl/feed-additives/evaluation-reports>